

- tannulla n-nota tat-8 ta' Novembru 2007, Nru 011871 tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjonali — Programmi u proġetti f'Ċipru, fil-Greċja, fl-Ungerija, fl-Italja, f'Malta u fl-Olanda — li għandha bħala suġġett il-pagament mill-Kummissjoni ta' ammont differenti mill-ammont mitlub. Ref. DOCUP Ob. 2 "Lazio" 2000-2006 (Nru CCI 2000 IT 16 2 DO 009);
- tannulla n-nota tal-15 ta' Novembru 2007, Nru 012137 tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjonali — Programmi u proġetti f'Ċipru, fil-Greċja, fl-Ungerija, fl-Italja, f'Malta u fl-Olanda — li għandha bħala suġġett iċ-ċertifikazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' l-ispejjeż inter-medjarji, u t-talba għall-pagament. DOCUP Veneto Ob. 2 2000-2006 (Nru CCI 2000 IT 16 2 DO 005);
- tannulla n-nota tal-15 ta' Novembru 2007, Nru 012139 tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjonali — Programmi u proġetti f'Ċipru, fil-Greċja, fl-Ungerija, fl-Italja, f'Malta u fl-Olanda — li għandha bħala suġġett il-pagament mill-Kummissjoni ta' ammont differenti mill-ammont mitlub. Ref. Programm Operattiv Reġjonali "Campania" 2000-2006 (Nru CCI 1999 IT 16 1 PO 007);
- tannulla n-nota tas-16 ta' Novembru 2007, Nru 012212 tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjonali — Programmi u proġetti f'Ċipru, fil-Greċja, fl-Ungerija, fl-Italja, f'Malta u fl-Olanda — li għandha bħala suġġett il-pagament mill-Kummissjoni ta' ammont differenti mill-ammont mitlub. Ref. PON Żvilupp ta' l-impriżi lokali 2000-2006 (Nru CCI 1999 IT 16 1 PO 002);
- tannulla n-nota tas-26 ta' Novembru 2007, Nru 012567 tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Politika Reġjonali — Programmi u proġetti f'Ċipru, fil-Greċja, fl-Ungerija, fl-Italja, f'Malta u fl-Olanda — li għandha bħala suġġett il-pagament mill-Kummissjoni ta' ammont differenti mill-ammont mitlub. Ref. Programm Operattiv Reġjonali "Sardegna" 2000-2006 (Nru CCI 1999 IT 16 1 PO 010);
- tannulla l-atti kollha relatati u preċedenti, u tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u argumenti prinċipali huwa dawk invokati fil-kawża T-345/04, Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU C 262, 23.10.2004, p. 55.

### Rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2007 — Productos Asfálticos (Proas) vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-495/07)

(2008/C 64/79)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Productos Asfálticos (Proas), SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: C. Fernandez Vicién, P Carmona Botana u A. Pereda Miquel, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni [C (2007) 4441], jew, sussidjarjament, tnaqqas il-multa imposta fuq Productos Asfálticos SA, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa dirett kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4441 finali tat-3 ta' Ottubru 2007 fil-Każ COMP/38710 — Bitum Spanja. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddikjarat li r-rikorrenti, flimkien ma' kumpanniji oħra, kisret l-Artikolu 81 KE billi ħadet sehem, għal ċertu perjodu, f'numru ta' akkordji u prattiċi mifthiema fis-suq tal-bitum ta' penetrazzjoni, b'mod partikolari akkordji għad-diviżjoni tas-suq u l-koordinament tal-prezzijiet. Fir-rigward ta' dan il-ksur il-Kummissjoni imponiet multa li għaliha r-rikorrenti u kumpannija oħra huma responsabbli *in solidum*.

In sostenn ta' l-argumenti tagħhom, ir-rikorrenti tallega l-ewwel nett li l-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni tal-fatti. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni żbaljata tas-serjetà tal-ksur u tal-pożizzjoni tar-rikorrenti fil-kartell, b'riferiment partikolari għall-influenza speċifika tagħha fis-suq u ta' l-evalwazzjoni li tgħid li kienet komexxeja fil-kartell.

It-tieni nett, ir-rikorrenti tilmenta li l-Kummissjoni kisret il-liġi applikabbli. Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali billi tapplika żbaljatament l-Avviż fuq il-Kooperazzjoni ta' l-2002 <sup>(1)</sup>, tikser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba billi ma temmitx il-proċedura fi żmien raġonevoli u timponi multa li teċċedi l-limitu legali stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1/2003 <sup>(2)</sup>, u b'hekk tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni.

<sup>(1)</sup> Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2002, C 45, p. 3).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU 2003 L 1, p. 1).

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2007 — Repsol YPF Lubricantes y especialidades et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-496/07)

(2008/C 64/80)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

### Partijiet

**Rikorrenti:** Repsol YPF Lubricantes y especialidades SA (Madrid, Spanja) Repsol Petróleo, SA (Madrid, Spanja), Repsol YPF, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: L. Ortiz Blanco, J. Buendía Sierra u M. Muñoz de Juan, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla d-Deċiżjoni [C(2007)4441] safejn din
  - issib li Repsol Petróleo SA hija responsabbli *in solidum* għall-ksur;
  - issib li Repsol YPF hija responsabbli *in solidum* u li għandha responsabbiltà affiljata;
  - tiddetermina l-ammont bażiku b'mod li jmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità billi ma tiħux in kunsiderazzjoni jew il-parametru ġeografiku ristrett u l-valur eko-

nomiku tas-suq milqut jew l-effetti fuq is-suq (fin-nuqqas tiegħu, l-impatt limitat);

- tapplika żbaljatament l-Avviż fuq il-Kooperazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-perċentwali ta' tnaqqis tal-multa imposta fuq Repsol: u
- tittratta t-tmexxija bħala fattur aggravanti
- tnaqqas il-multa imposta fuq Repsol skond il-ġurisdiżjoni illimitata tal-Qorti tal-Ġustizzja għal ammont approprijat;
- tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa dirett kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4441 finali tat-3 ta' Ottubru 2007 fil-Każ COMP/38710 — Bitum Spanja. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddikjarat li r-rikorrenti, flimkien ma' kumpanniji oħrajn, kisru l-Artikolu 81 KE billi ħadu sehem, għal ċertu perijodu, f'numru ta' akkordji u prattiċi mifthiema fis-suq tal-bitum ta' penetrazzjoni, b'mod partikolari f'akkordju għad-diviżjoni tas-suq u għall-koordinament tal-prezzijiet. Fir-rigward ta' dan il-ksur, il-Kummissjoni imponiet multa li għaliha r-rikorrenti huma responsabbli *in solidum*.

In sostenn tat-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti jallegaw l-ewwel nett żball ta' evalwazzjoni tal-fatt u żball ta' liġi billi nstabu żbaljatament il-kumpanniji prinċipali ta' Repsol YPF Lubricantes y especialidades SA bħala responsabbli għall-ksur. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-attribuzzjoni ta' responsabbiltà affiljata tikser id-dritt Komunitarju.

It-tieni nett, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità meta kkalkolat l-ammont inizjali.

It-tielet nett, ir-rikorrenti jallegaw żball manifest ta' evalwazzjoni jew alternattivament ksur tal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni ta' ċertezza legali, tal-proporzjonalità u ta' trattament ugwali meta ddeterminat il-perċentwali ta' tnaqqis tal-multa skond il-Avviż fuq il-Kooperazzjoni ta' l-2002 <sup>(1)</sup>.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward ta' l-evalwazzjoni tat-tmexxija tal-kartell flimkien ma' kumpannija oħra bħala fattur aggravanti.

<sup>(1)</sup> Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità mill-multi u tnaqqis f'multi fil-każijiet ta' kartell (ĠU 2002, C 45, p. 3).